# L-Emblemi Tagħna



*minn Lorenzo ZAHRA*

**Illum** meta wieħed imur għall-festi tagħna jara quddiemu bosta dekorazzjonijiet imżejna b'ħafna emblemi jew armi kif huma msejħa mill-poplu. Tara bandalori u pavaljuni mżejna b'xi arma kif ukoll tara armi skolpiti ma' kolonni bil-figuri ta' qaddisin fuqhom. Tmur fejn tmur, bla dubju tara minn dawn l-armi li llum saru wisq popolari, l-aktar billi l-Kunsilli tagħna ma naqsux li jxandruhom billi issa saru legalment konoxxuti.

Ta' min jgħid li l-bidu ta' l-emblemi kien aktarx fi żmien il-Kruċjati fis-seklu ħdax, meta n-Nobbli kienu jmexxu gruppi ta' nies li flimkien marru għall-ħelsien ta' l-Artijiet Imqaddsa. Kienu jużaw l-emblema tal-konti, jew baruni mexxej tagħhom biex dejjem jingħarfu. Nistgħu ngħidu bla dubju li minn dawn, il-Konti Ruġġieru seta' ħallielna l-kuluri tiegħu nazzjonali.

Imma l-emblema ta' Malta ftit li xejn kienet popolari fl-imgħoddi. Dan minħabba li l-gżira tagħna dejjem kienet maħkuma u ma jkunx fl-interess tal-ħakkiema li jippopolizzaw l-imħabba patrijottika nazzjonali. Kien għalhekk wara s-seklu ħmistax li l-Maltin ġew afdati bi tmexxija mill-Università li bdiet tuża l-arma ta' Malta. Dak iż-żmien Malta kienet taħt il-ħakma ta' Spanja u fostna kien dejjem ikun hawn is-sinjuri nobbli fewdali li kien ikollhom l-emblema tagħhom. Kienu wkoll is-slaten ta' Spanja li stabbilew xi nobbli Malti wkoll, li allura kienu jkollhom l-emblemi tagħhom.

Iżda l-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann fostna, billi kienu lkoll wild in-nobbiltà, ilkoll kienu jxerrdu l-popolarità lejn l-emblemi u ma' kullimkien kienu jxerrdu l-marki tagħhom bl-emblemi. Naturalment waqt li l-emblema ta' Malta kienet tinżamm fis-satra, saħansitra meta raħal Malti jieħu l-patronanza ta' Kavallier jew Gran Mastru kien jingħata l-emblema tiegħu kif għadhom sal-lum.

Wara r-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir, l-arma ta' Malta bdiet tidher imżejna bil-palma u randa li nisslet l-ewwel arma lill-belt tal-Birgu (Vittoriosa). B'hekk l-armi ta' blietna twieldu iżda dejjem fis-satra, għaliex il-ħakkiema ma setgħux ikollhom interess li jxerrdu l-ġibda nazzjonali. U fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann l-emblema ta' Malta ftit li xejn kienet tidher filwaqt li tidher spiss dik ta' l-Ordni u tal-Gran Mastri.

Imma meta ġew il-Franċiżi ta' Napuljun, dawn f'saħna ta' mibgħeda lejn in-nobbiltà qerdu kull dehra ta' armi fostna. U xi Maltin imħallsa kienu mpjegati mal-ġakbini sabiex jeqirdu l-armi li kienu fil-pubbliku bil-għan li tixtered l-idea tal-Fraternità, Helsien w Ugwaljanza.

Il-wasla ta' l-Ingliżi iżda ġabet epoka ġdida, u xi Gvernaturi għażlu li xi armi jitqegħdu mill-ġdid. L-Ingliżi li dejjem għażlu li jmexxu l-pajjiżna b'diplomazija fina mhux biss irrikonoxxew l-emblemi tagħna imma l-emblemi tal-bliet u rħula saru mezz ta' tiżjin saħansitra fil-Visti Reali fostna meta toroq tagħna kienu jiġu mżejna kif nafu nagħmlu wkoll fil-festi. Kien dan il-bidu li bih l-emblemi saru popolari. Kien saħansitra Gvernatur Ingliż li fl-1959 ried l-arma ta' Malta fil-Palazz tal-Belt.

U f'nofs is-seklu 19, meta bdiet aktar titħaddem faċilment l-istampa fostna, il-Kappillani li nistgħu ngħidu kienu l-kmandanti ta' l-irħula u blietna, bdew jużaw armi tal-knejjes parrokkjali fuq id-dokumenti u ċertifikati.

Mhux ta' min jinsa li kien il-Kleru Malti wkoll li segwa l-użanza tal-kavallieri billi fil-knejjes tagħna bdew jitgħattew l-oqbra b'disinji, kitbiet u emblemi li allura saru aktar popolari dawk tal-kunjomijiet.

Kien dik il-ħabta li l-Għaref Qassis Dun Ġużepp Zammit ippjana sentenzi adatti għal tant emblemi, billi huwa kien fost l-aħjar Latinisti ta' żmienu biex l-armi tal-kunjomijiet saru aktar popolari.

U llum l-armi saru mhux aktar biss popolari, imma ġew legalizzati billi mindu twaqqfu l-Kunsilli Lokali, il-liġi tistabbilixxi uffiċjalment kif għandha tkun l-emblema skond Araldika Internazzjonali u hekk saru ħaġa tal-poplu. Mhux ta' b'xejn li l-Kunsilli fid-dokumenti tagħhom jesebixxu l-arma tagħhom kif ukoll bi bnadar apposta.

Imma dan kollu daħal wara ħafna żmien u seta' jkun possibbli biss wara l-kisba ta' Malta Indipendenti. Prova ta' dan wieħed jara kemm kienet skarsa d-dehra ta' l-arma Maltija fl-imgħoddi, biżżejjed jidħol fil-Knisja tal-Kavallieri ta' San Ġwann u hemm jara mijiet ta' emblemi, saħansitra tat-Torok l-għedewwa tal-Kavallieri, imma ma ssibx LE DIK TA' MALTA!




*Emblemi li dari kienu jużaw xi Parroċċi fid-dokumenti tagħhom.*